Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/1010

12.2.2025

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tat-3 ta' Diċembru 2024**

**li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom**

**(BERS/2024/7)**

(C/2025/1010)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Anness IX tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ([3]), u b'mod partikolari t-Taqsima I tal-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([4]), u b'mod partikolari l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Filwaqt li:

(1) Sabiex jiġu żgurati miżuri ta' politika makroprudenzjali nazzjonali effettivi u konsistenti, huwa importanti li jiġi kkumplimentat l-għarfien meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni b'reċiproċità volontarja.

(2) Il-qafas dwar ir-reċiproċità volontarja għal miżuri tal-politika makroprudenzjali stabbilit fir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([5]) għandu l-għan li jiżgura li l-miżuri kollha tal-politika makroprudenzjali bbażati fuq skopertura attivati fi Stat Membru wieħed ikunu rreċiprokati fl-Istati Membri l-oħrajn.

([1]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([2]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.
([4]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.
([5]) Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 97, 12.3.2016, p. 9).

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 79/2019 ([6]) inkorporat id-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Ftehim ŻEE) b'effett mill-1 ta' Jannar 2020. Id-Direttiva (UE) 2021/338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) u r-Regolament (UE) 2021/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), li introduċew emendi sinifikanti għad-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013, ġew inkorporati fil-Ftehim ŻEE permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 213/2021 ([9]) u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2024 ([10]), rispettivament. Id-Direttiva (UE) 2021/338 u r-Regolament (UE) 2021/558 issa huma applikabbli fin-Norveġja.

(4) Fid-29 ta' Awwissu 2024, Finansdepartementet (il-Ministeru tal-Finanzi Norveġiż), li jaġixxi bħala awtorità nominata għall-fini tal-Artikolu 133(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, innotifika lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) bl-intenzjoni tiegħu li jiffissa mill-ġdid ir-rata ta' riżerva għal riskju sistemiku (SyRB) imposta preċedentement, fl-istess rata ta' 4,5 %, fuq l-iskoperturi kollha li jinsabu fin-Norveġja. Il-miżura applikat mill-31 ta' Diċembru 2020, u attwalment hija rrakkomandata għal reċiproċità skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([11]). Fl-istess data, Finansdepartementet innotifika lill-BERS bl-intenzjoni tiegħu li jirrikjedi ċerti istituzzjonijiet li jżommu rata ta' riżerva "'istituzzjonijiet sistemikament importanti oħrajn'" (O-SII) għal kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, skont l-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE.

(5) Sussegwentement, fis-26 ta' Settembru 2024, Finansdepartementet issottometta talba biex il-BERS jirrakkomanda r-reċiproċità tar-rata SyRB fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali, skont l-Artikolu 134 (5) tad-Direttiva 2013/36/UE. Il-miżura tal-politika makroprudenzjali nnifisha tibqa' bla tibdil.

(6) Fis-7 ta' Ottubru 2024, il-BERS adotta l-Opinjoni BERS/2024/6 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([12]), fejn iddikjara li jqis ir-rata kumulattiva ta' riżerva SyRB u O-SII xierqa u effettiva biex tindirizza r-riskji identifikati għal kull waħda mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ miżuri.

(7) Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, kif emendata bir-Rakkomandazzjoni BERS/2017/4 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([13]), tirrakkomanda li l-awtorità rilevanti li tattiva miżura ta' politika makroprudenzjali għandha, meta tippreżenta talba għal reċiproċità lill-BERS, tipproponi limitu massimu ta' materjalità li taħtu l-iskopertura ta' fornitur individwali ta' servizzi finanzjarji għar-riskju makroprudenzjali identifikat fil-ġurisdizzjoni fejn il-miżura ta' politika makroprudenzjali tiġi applikata mill-awtorità ta' attivazzjoni tista' titqies bħala mhux materjali. Il-BERS jista' jirrakkomanda livell limitu differenti jekk jitqies neċessarju. Il-limitu ta' materjalità għar-reċiproċità tas-SyRB huwa stabbilit għal ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju ta' NOK 5 biljun, li jikkorrispondi għal madwar 0,16 % tal-ammont tal-iskopertura totali ponderati għar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jirrapportaw fin-Norveġja ([14]).

([6]) 6 Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 79/2019 tad-29 ta' Marzu 2019 li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2019/2133] (ĠU L 321, 12.12.2019, p. 170).

([7]) 7 Direttiva (UE) 2021/338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2021li temenda d-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward ta'rekwiżiti ta' informazzjoni, governanza tal-prodotti u limiti ta' pożizzjoni, u d-Direttivi 2013/35/UE u (UE) 2019/878 fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom għad-ditti tal-investiment, għas-sostenn tal-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 68, 26.2.2021, p.14).

([8]) Regolament (UE) 2021/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' ċerti aġġustamenti għall-qafas ta' titolizzazzjoni bħala appoġġ għall-irkupru ekonomiku b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 116, 6.4.2021, p. 25).

([9]) Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 213/2022 tat-8 ta' Lulju 2022 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2023/630] (ĠU L 85, 23.3.2023, p. 23).

([10]) Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2024 tat-12 ta' Ġunju 2024 li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2024/2433] (ĠU L, 2024/2433, 3.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2433/oj).

([11]) 11 Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tas-6 ta' Marzu 2023 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (BERS/2023/1) (ĠU C 158, 4.5.2023, p. 1).

([12]) Opinjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tas-7 ta' Ottubru 2024 rigward in-notifiki Norveġiżi tal-iffissar mill-ġdid ta' rata ta' riżerva għal riskju sistemiku skont l-Artikolu 133 u tal-iffissar mill-ġdid tar-rata ta' riżerva O-SII skont l-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (BERS/2024/6), disponibbli fuq is-sit web tal-BERS fuq www.esrb.europa.eu.

([13]) Rakkomandazzjoni BERS/2017/4 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Ottubru 2017 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU C 431, 15.12.2017, p. 1).

([14]) Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tas-6 ta' Marzu 2023 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 dwar il-valutazzjoni tal-effetti transkonfinali ta' miżuri tal-politika makroprudenzjali u r-reċiproċità volontarja tagħhom (ĠU Ċ 158, 4.5.2023, p. 1).

(8) Ir-reċiproċità tar-rekwiżiti kapitali makroprudenzjali attivata mill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra, fuq bażi konsolidata, subkonsolidata, u individwali, irrispettivament minn jekk l-iskoperturi kkonċernati humiex miżmuma permezz ta' sussidjarji jew fergħat, jew jirriżultawx minn self transkonfinali dirett, tillimita t-tnixxijiet u l-arbitraġġ regolatorju, tindirizza r-riskji sistemiċi u b'hekk tippromwovi l-effettività ġenerali tal-politika makroprudenzjali billi tiżgura li r-riskji miżjuda jiġu indirizzati mhux biss fl-Istat Membru li introduċa s-SyRB iżda wkoll fi Stati Membri oħra fejn il-gruppi bankarji huma esposti għal dawk ir-riskji miżjuda. Ir-rikonoxximent għandu għalhekk jimmira wkoll li jiżgura li gruppi bankarji esposti għal dawk ir-riskji sistemiċi jkunu reżiljenti biżżejjed. Għalhekk, ir-rekwiżiti kapitali makroprudenzjali li jirriżultaw minn deċiżjoni li jiġu rikonoxxuti l-miżuri makroprudenzjali ta' Stati Membri oħra għandhom b'mod ġenerali jiġu applikati fuq bażi konsolidata, subkonsolidata, u individwali.

(9) Biex tiġi rikonoxxuta r-rata SyRB Norveġiża kif mitlub mill-Finansdepartementet, l-awtoritajiet kompetenti u/jew nominati rilevanti ta' Stat Membru ieħor jistgħu jistabbilixxu rata SyRB f'konformità mal-Artikoli 133(4) u 134(1) tad-Direttiva 2013/36/UE.

(10) Din l-emenda għar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 ma taffettwax il-kontinwità li tiġi rrakomandata r-reċiproċità tal-miżuri makroprudenzjali nazzjonali attivata mill-awtoritajiet Norveġiżi fl-31 ta' Diċembru 2022, kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni BERS/2023/1. L-emendi attwali għar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2, bl-eċċezzjoni għar-reċiproċità tas-SyRB fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali, huma ta' natura editorjali. Għaldaqstant, il-perijodu tranżitorju standard ta' tliet xhur wara l-publikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* huwa applikabbli biss għal miżuri, jew emendi għalihom, li l-awtoritajiet nazzjonali se jadottaw biex jirreċiprokaw s-SyRB fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali.

(11) Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

**EMENDI**

L-Anness għar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 huwa emendat skont l-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-3 ta' Diċembru 2024

*Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS,*
*F'isem il-Bord Ġenerali tal-BERS*
Francesco MAZZAFERRO

*ANNESS*

L-Anness għar-Rakkomandazzjoni BERS/2015/2 huwa emendat kif ġej:

(1) taħt in-Norveġja, il-paragrafu 2 tat-taqsima intitolata “I. Deskrizzjoni tal-miżuri” hija ssostitwita b'dan li ġej:

“2. Ir-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku hija stabbilita għal 4,5 % u tapplika għall-iskoperturi domestiċi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fin-Norveġja, fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali.”

(2) taħt in-Norveġja, it-taqsima intitolata “II. Reċiproċità” hija ssostitwita b'dan li ġej:

“II. <u>Reċiproċità</u>

5a. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jirreċiprokaw il-miżuri Norveġiżi għal skoperturi li jinsabu fin-Norveġja f'konformità mal-Artikolu 134(1) tad-Direttiva 2013/36/UE u mal-Artikolu 458(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, rispettivament. Peress li r-reċiproċità tar-rata ta' riżerva għar-riskju sistemiku fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali kif imsemmi fir-Rakkomandazzjoni BERS/2024/7 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (*) tista' tirrikjedi li awtorità rilevanti tadotta miżura nazzjonali ta' reċiproċità ġdida jew temenda miżuri nazzjonali eżistenti li jirreċiprokaw il-miżura Norveġiża ta' riżerva għal riskju sistemiku, japplika l-perijodu tranżitorju standard ta' tliet xhur wara l-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni BERS/2024/7 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' reċiproċità.

5b. Wara t-talba mill-Finansdepartementet, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jirreċiprokaw il-miżura Norveġiża ta' riżerva għal riskju sistemiku billi japplikawha fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali, irrispettivament minn jekk l-iskoperturi kkonċernati jkunux miżmuma permezz ta' sussidjarji jew fergħat, jew jirriżultawx minn self transkonfinali dirett.

6. Jekk l-istess miżuri ta' politika makroprudenzjali ma jkunux disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom, f'konformità mas-subrakkomandazzjoni C(2), huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti japplikaw, wara konsultazzjoni mal-BERS, miżuri ta' politika makroprudenzjali disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom li jkollhom l-aktar effett ekwivalenti għall-miżuri msemmija hawn fuq rakkomandati għar-reċiproċità. Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti jadottaw il-miżura ekwivalenti għar-reċiproċità tar-rata ta' riżerva għar-riskju sistemiku sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni BERS/2024/7 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(*) Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.”

(3) taħt in-Norveġja, il-paragrafu 8, il-punt (a), tat-taqsima intitolata “III. Livell limitu ta' materjalità” huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“(a) għar-riżerva għal riskju sistemiku, il-livell limitu ta' materjalità huwa stabbilit għal ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju ta' NOK 5 biljun, li jikkorrispondi għal madwar 0,16 % tal-iskoperturi totali ponderati għar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jirrapportaw fin-Norveġja. L-iskoperturi kollha miżmuma permezz ta' sussidjarji jew fergħat, jew li jirriżultaw minn self transkonfinali dirett, għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-iskoperturi vvalutati skont il-livell limitu ta' materjalità.”